**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 10 ta` Dicembru 2020**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Stacy Attard)**

**Vs**

**GLENN ABELA**

Kump Nru.736/2018

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Glenn Abela** ta' detentur tal-karta tal-Identita' numru **213188M** gie akkuzat talli fil-21 ta' Novembru, 2018 ghall-habta ta' 9:30hrs u/jew hinijiet wara fil-lokalita' tal-Marsa;

1. Hebb ghall-persuna ta’ Melvin Debono u permezz ta’ arma li taqta’ u bil-ponta kkagunalu griehi ta’ natura hafifa hekk skond ma gie ccertifikat minn Dr. Jessica Pavia M.D (Reg no. 6003) mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid, u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215, 217 u 221(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, garr il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta minghajr licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, waqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna kellu fil-pusses tieghu arma regolari u cioe’ strument li jaqta’ u bil-ponta, jew imitazzjoni ta’ arma regolari u dan bi ksur tal-Artikolu 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli wettaq hsara volontarja jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u/jew hwejjeg ohra ta’ Charles Micallef u/jew persuni jew entitajiet ohra, li din il-hsara ma taqbizx elfejn u hames mitt ewro (2,500) imma taqbez mitejn u hamsin ewro (250) u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b’ mod iehor lil Melvin Debono u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, Volontarjament kiser il-bon Ordni u il-Paci pubblika b’ ghajjat u stordbju u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. U aktar talli ikkaguna lil haddiehor u cioe lil Melvin Debono il-biza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tieghu u kontra l-persuni jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti jew ahwa subien jew bniet u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U fl-ahhar talli kkometta reat waqt il-perjodu operattiv tal-Ordni tal-Probation liema sentenza giet mghotija mill-Magitsrat Y. Micallef Strafrance LL.D fl-10 ta' Novembru, 2018 u liema sentenza hija defentiva u ma tistax tinbidel bi ksur tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li f' kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-eserti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba, bi skop li tipprovdi ghas-sigurta' ta' Melvin Debono jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-skop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familja tieghu minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 u f' kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna offiza u tal-familja tieghu ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni anki wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset sew l-atti, liema atti jikkonfortaw l-ammissjoni li saret, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

Ghal dak li ghandu x'jaqsam mas-sanzjoni idoneja, l-Qorti hi tal-fehema illi f'kazijiet bhal dawn fejn si tratta ta` vjolenza fuq il-persuna, fost reati ohra, il-

pricipju regolatur hu li, fejn ma tezistix xi raguni valida, s-sanzjoni ghandha tkun wahda soda u cara ta` karcerazzjoni effettiva.

**KONKLUZJONI.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 17, 31, 49, 50, 214, 215, 216, 217, 221(2), 325(1)(B), 251B, 338(DD), 339(1)(E) U 533 TAL-KAPITOLU 9 TAL-LIGIJIET TA' MALTA, U L-ARTIKOLI 6 U 55(A) TAL-KAPITOLU 480 TAL-LIGIJIET TA` MALTA, U L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIGIJIET TA` MALTA, issib lill-imputat, fuq ammissjoni tieghu stess, hati, bhala recidiv, tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u, filwaqt li qed titratta mieghu ukoll ghall-ksur tal-Ordni tal-Probation (kif indikata fl-imputazzjoni numru 8) f'din is-sanzjoni, tikkundannah komplessivament ghall-piena ta' sentejn u disa xhur prigunerija u ghall-hlas ta` multa fis-somma ta` €500.**

**Tordna wkoll li jhallas lir-Registratur l-ispejjez skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur